VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 58 tal-2014

ATT DWAR IL-PATROMINJU KULTURALI (KAP. 445)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħlasijiet għad-Dħul fil-Mużewijiet, Siti u Kollezzjonijiet Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 55 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, il-Ministru għat-Turiżmu, bi ftehim mal-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħlasijiet għad-Dħul fil-Mużewijiet, Siti u Kollezzjonijiet Nazzjonali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ħlasijiet għad-Dħul fil-Mużewijiet, Siti u Kollezzjonijiet Nazzjonali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 445.05

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2014.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolamenti (6) u (7) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(6) Il-ħlas għad-dħul ta' persuni fit-Tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra flimkien għandu jkun dan li ġej:

(a) għaxar euro (€10) għal kull persuna minn tmintax-il sena 'l fuq;

(b) seba' euro u ħamsin ċenteżmu (€7.50) għal kull persuna minn sittin sena 'l fuq u bejn tnax u sbatax-il sena, iż-żewġ etajiet inklużi;

(ċ) ħames euro u ħamsin ċenteżmu (€5.50) għal kull persuna bejn sitta u ħdax-il sena, iż-żewġ etajiet inklużi.

(7) Il-ħlas għad-dħul ta' persuni fit-Tempji tal-Ġgantija u fil-Mitħna Ta' Kola Għawdex flimkien, għandu jkun dan li ġej:

(a) disgħa euro (€9) għal kull persuna minn tmintax-il sena 'l fuq;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) seba' euro (€7) għal kull persuna minn sittin sena 'l fuq u bejn tnax u sbatax-il sena, iż-żewġ etajiet inklużi;

(ċ) ħames euro (€5) għal kull persuna bejn sitta u ħdax-il sena, iż-żewġ etajiet inklużi.".